**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis 20 ta' Settembru 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 51/2015 JVC**

**Avukat Dottor Joseph Zammit Tabona, Raffella Zammit Tabona u Andrea Zammit Tabona**

**vs**

**Frans Saliba**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

1. Illi fit-12 ta' Mejju 1995 filghodu kmieni saret minn diversi nies, serqa fid-dar ta' abitazzjoni tar-rikorrenti avukat u martu, il-mejta

May u cioe' minn 68, Main Street, San Giljan, f'liema serqa gew misruqa ammonti ta' flus u diversi oggetti, saret hsara fil-proprjeta' taghhom u gew kagunati feriti fuq il-persuna tal-konjugi Zammit Tabona.

2. Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili gia kellha l-opportunita' li tiddikjara li certa Charles sive Chalie Saliba li jigi hu l-konvenut, bhala wiehed mill-partecipanti fis-serqa u kkundannatu jhallas lill-atturi s-somma ta' €130,441.42. L-istess sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (kawza numru 1196/00) bis-sentenza taghha li nghatat fis-6 ta' Ottubru 2009.

3. Illi l-atturi jghidu wkoll illi ma ghandhomx dubbju illi, apparti l-imsemmi Charles Saliba, l-intimat kien ukoll wiehed iehor mill-partecipanti fis-serqa u li seraq lilu u lil martu meta dahlu ghandhom fit-12 ta' Mejju 1995.

4. Illi l-ammont tad-danni subiti b'rizultat tal-istess serqa gia gew stabbiliti minn dawn il-qrati, inkluz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u gew stabbiliti li jikkonsistu fis-somma ta' €130,441.42 apparti l-imghax mid-data tal-imsemmija sentenza u cioe' mis-6 ta' Ottubru 2009 sal-gurnata tal-effettiv pagament oltre l-ispejjez tal-istess kawza.

5. Illi r-rikorrenti Raffaella Zammit Tabona u Andrea Zammit Tabona huma l-eredi tal-mejta May Zammit Tabona.

6. Illi l-esponenti ghadhom sallum ma thallsux centezmu mill-istess somma.

7. Illi din il-kawza qed issir mill-atturi kollha u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attur Dottor Joseph Zammit Tabona li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat kien wiehed mill-promoturi, moventi, organizzaturi u/jew ezekuturi tas-serqa u d-danni relattivi, u dan billi witta t-triq u/jew ha sehem attiv ghax ippartecipa fis-serqa u l-aggressjoni li saret kontra l-konjugi Zammit Tabona fid-dar taghom ta' abitazzjoni 68, Main Street, San Giljan fil-lejl tat-12 ta' Mejju 1995.

2. Tiddikjara lill-intimat responsabbli, in solidum ma' Charles Saliba lejn l-atturi ghad-danni kollha sofferti minnhom u mill-awtrici taghhom l-imsemmija May Zammit Tabona minhabba l-istess serqa.

3. Tikkundanna lill-intimat, solidalment ma' huh Charles Saliba, ihallas lill-atturi s-somma fuq indikata ta' €130,441.42 bl-imghax relattiv fuqha ai termini tal-precitata sentenza fil-kawza fuq riferita u gia deciza sal-gurnata tal-effettiv pagament.

Bl-imghax ulterjuri sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-intimat li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-istess Frans Saliba fejn ikkonferma:

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi qabel xejn, l-esponenti ma kien b'ebda mod u manjiera nvolut fis-serqa li l-atturi qeghdin jghidu li sehhet ghad-dannu ta' Dottor Joseph Zammit Tabona u martu fit-12 ta' Mejju 2005.

3. Illi konsegwentement huwa ma ghandu l-ebda responsabbilita' ghal dik is-serqa jew ghad-danni li gew kkagunati lill-atturi per konsegwentement tal-istess serqa.

4. Illi ghalhekk ukoll huwa ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi rilevat ukoll li kull dritt ta' azzjoni bbazat fuq jew naxxenti minn dik is-serqa huwa llum kolpit bid-dekors tal-preskrizzjoni fit-terminu tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili abbinat mal-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, dokumenti, xhieda, kontro-ezamijiet estensivi u l-provi kollha fl-atti;

Rat l-atti tal-process anness 1196/00 fl-ismijiet Dr. Joseph Zammi Tabona et. vs. Charles svie Challie Saliba;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' April, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi din il-kawza ssib l-origini taghha f'serqa li l-attur l-Avukat Dottor Joseph Zammit Tabona u martu llum mejta May Zammit Tabona sofrew fid-dar taghhom gewwa 68, Main Street, San Giljan lura fit-12 ta' Mejju, 1995 fil-hin ta' bil-lejl.

Il-konvenut odjern Frans Saliba flimkien ma' huh Charles Saliba u hutu ohra (u qabel missierhom) kienu jaghtu servizzi ta' xoghol ta' dawl u ilma lill-atturi ghal snin twal qabel ma sehhet is-serqa kemm fid-dar residenzjali kif ukoll f'diversi binjiet ohra proprjeta' tal-atturi. Konsegwenza tax-xoghlijiet li kellhom huma kienu jidhlu spiss fid-dar residenzjali tal-atturi ghalkemm l-attur Dottor Joseph Zammit Tabona jispjega li fil-kaz tal-intimat odjern dan ma marx aktar fid-dar residenzjali tieghu sa minn tliet snin u nofs qabel sehhet is-serqa.  Mill-atti jirrizulta li

ghalkemm xi xhur wara s-serqa l-pulizija baghtet ghal Charles Saliba u Frans Saliba u hadet stqarrija taghhom, jidher li sal-lum hadd ma tressaq kriminalment dwar is-serqa in kwistjoni.

Min-naha l-ohra jirrizulta li nhar t-12 ta' Gunju tas-sena 2000 (cioe' hames snin wara s-serqa) l-attur flimkien ma' martu ntavola kawza civili kontra Charles Saliba biss fejn allega li huwa kien wiehed mis-sitta jew seba' persuni li dahlu jisirquh dak in-nhar tat-12 ta' Mejju, 1995 (kawza numru 1196/00). Fix-xhieda tieghu l-attur fil-fatt jispjega li skont hu Charles Saliba kien l-uniku wiehed minn sitta jew seba' persuni li dahlu fid-dar li ma tkellimx skont l-attur apposta biex l-attur ma jaghrfux izda huwa gharfu minn persuntu u mill-mossi tieghu. Jirrizulta wkoll mill-atti li qabel giet intavolata l-kawza 1196/00, kienet giet intavolata kawza mill-azjenda ta' Charles Saliba u l-intimat odjern Frans Saliba kontra l-atturi konjugi Zammit Tabona ghall-hlas dovut ghal xoghol u servizzi rezi.

Illi fir-rigward tal-kawza ntavolata kontra Charles Saliba jirrizulta li kemm fil-Prim'Istanza (deciza finalment nhar l-4 ta' Marzu, 2008) kif ukoll fl-Appell (datata 6 ta' Ottubru, 2009), Charles Saliba gie dikjarat li kien responsabbli ghas-serqa u gie ordnat ihallas lill-konjugi Zammit Tabona s-somma ta' mija u tletin elf, erba' mija u wiehed u erbghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€130,441.42). Jirrizulta wkoll lil din il-Qorti mill-atti li konsegwenti ghal dawn iz-zewg sentenzi Charles Saliba ma hallas l-ebda somma lill-atturi. In oltre permezz ta' sentenza datata 29 ta' Novembru, 2016 moghtija mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Saliba vs. Malta** (fol. 281) gie ddikjarat li fil-proceduri quddiem il-Qrati Maltin kienet sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 6.1 tal-

Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront ta' hu l-konvenut Charles Saliba u cioe' li Charles Saliba ma kienx inghata smiegh xieraq. L-istess Qorti ordnat hlas ta' kumpens favur Charles Saliba mill-Gvern ta' Malta.

Illi l-atturi jsostnu li wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, Charles Saliba ma hallas xejn minn dak li gie dikjarat dovut lilhom. Konsegwentement jirrizulta li nhar il-5 ta' Awissu, 2015 l-attur l-Avukat Dr. Joseph Zammit Tabona flimkien mal-eredi ta' martu ntavolaw l-kawza odjerna din id-darba kontra Frans Saliba fejn qed jigi allegat li anki hu kien involut fis-serqa. Principlament l-attur Dr. Zammit Tabona isostni li l-intimat kellu sehem fis-serqa billi sahansitra tliet snin u nofs qabel is-serqa, meta mar l-ahhar fir-residenza tieghu fuq talba tieghu biex jaghmel xi xoghlijiet, dan ghamel xi preparamenti bis-serqa f'mohhu biex jagevola l-access ghal min kellu jmur jisraq. L-attur stess jaqbel, anzi jinsisti, li ghall-perjodu shih ta' tliet snin u nofs shah qabel is-serqa l-intimat Frans Saliba ma resaqx aktar fid-dar tieghu. L-attur ukoll mkien fl-atti ma jsostni li huwa ra jew gharaf lill-intimat dak in-nhar tas-serqa ghall-kuntrarju ta' dak li sostna fil-konfront ta' huh Charles Saliba, anzi jaqbel li ghalkemm il-hallelin l-ohrajn kollha tkellmu huwa fl-ebda hin ma gharaf lehen l-intimat Frans Saliba. Jinsisti izda li huwa dejjem sostna anki fil-kawza precedenti kontra Charles Saliba li l-unici nies li kienu jafu sew ir-residenza tieghu fosthom fejn kien is-safe kienu l-intimat Frans Saliba u aktar minn huh Charles Saliba.

Illi da parti tieghu l-intimat odjern jichad b'mod kategoriku kemm fir-risposta tieghu kif ukoll tul il-mori kollha tal-proceduri li huwa b'xi mod

kellu x'jaqsam mas-serqa in kwistjoni. L-intimat iqajjem ukoll bhala eccezzjoni tieghu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif abbinat mal-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali.

Illi ai termini tal-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:
**'730.** L-eccezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illegittimità ta' persuna, u l-eccezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitragg, *res judicata*, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.'

Ghaldaqstant din il-Qorti qabel ma tinoltra ruhha oltre fil-mertu tal-kawza odjerna ser tghaddi sabiex tikkunsidra u tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-intimat odjern.

**Preskrizzjoni:**

Illi l-hames eccezzjoni tal-intimat taqra kif isegwi:

*'5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi rilevat ukoll li kull dritt ta' azzjoni bbazat fuq jew naxxenti minn dik is-serqa huwa llum kolpit bid-dekors tal-preskrizzjoni fit-terminu tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili abbinat mal-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali.'*

Illi l-artikolu 2154 tal-Kap. 16 jaqra kif isegwi:

‘2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b’reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

(2) Izda, kull min jisraq haga, jew isir pussessur taghha bil-mezz ta’ reat ta’ frodi, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haga, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista’ jippreskriviha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien.’

Illi l-artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (Kodici Kriminali) jaqra kif isegwi:

‘688. Bla hsara ta’ fejn il-ligi tiddisponi xort’ohra, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni –

(a) bl-eghluq ta’ ghoxrin sena ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux anqas minn ghoxrin sena;

(b) bl-eghluq ta’ hmistax-il sena ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn ghoxrin sena u mhux anqas minn disa’ snin;

(c) bl-eghluq ta’ ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn disa’snin u mhux anqas minn erba’ snin;

(d) bl-eghluq ta’ hames snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn erba’snin u mhux anqas minn sena;

(e) bl-eghluq ta’ sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

(f) bl-eghluq ta’ tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet, u ghall-ingurji bil-

fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.'

Illi l-eccezzjoni tal-intimat giet ahjar esposta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu esebita fl-atti kif isegwi:

*'Ghalhekk, il-perijodu massimu ta' preskrizzjoni ta' kawza ghar-rizarciment tad-danni konsegwenzjali ghal reat kriminali hija ta' ghoxrin sena. L-allegata serqa ghad-dannu tal-attur saret fit-12 ta' Mejju 1995. Din il-kawza u l-mandat ta' inibizzjoni li jakkompanjaha gew ipprezentati biss fil-5 ta' Awwissu 2015, u ghalhekk iktar minn ghoxrin sena wara. Minkejja li l-esponenti qajjem din l-eccezzjoni tieghu in limine litis, l-attur ma ressaq 'il quddiem l-ebda prova ta' xi att li seta' b'xi mod interrompa d-dekors tal-preskrizzjoni. Lanqas ma indirizza din l-eccezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.*

*Ghaldaqstant, irrispettivament mill-kunsiderazzjonijiet precedenti, anki fuq dan biss, l-azzjoni odjerna ma tista' qatt tirnexxi. Ingħad dan, l-esponenti jishaq li d-difiza principali tieghu hija dik li huwa ma kkommetta xejn minn dak li dwaru qieghed jakkuzah l-attur u ghalhekk din l-eccezzjoni tqajmet biss in kalce tar-risposta guramentata tieghu sabiex l-esponenti jkun ezawrjenti, u mhux ghaliex huwa jhoss li hija necessarja ghas-success tad-difiza tieghu.'*

Illi da parti taghhom l-atturi ma ghamlu l-ebda sottomissjoni dwar il-preskrizzjoni fin-nota ta' sottomissjoni taghhom. Il-Qorti izda wara li ghexet din il-kawza mill-bidu sal-ahhar, semghet ix-xhieda kollha, rat kelma b'kelma l-atti tal-kawza odjerna u tal-kawza annessa rat illi fl-affidavit tieghu l-attur stess jaghmel referenza ghall-preskrizzjoni u jixhed kif isegwi:

*'Pero' filwaqt li Charles Saliba ha parti giganeteska fil-kaz tieghu – bizzejjed nghid instab inveritier dwar 35 cirkostsanza, biex jahbi, u anke were kondotta xejn normali ferm elokwenti dwar 35 darba, wkoll biex jahbi, u jien rajtu fl-incident gewwa d-dar u barra fil-vann, fatti li haxxnu l-process sewwa, il-konvenut Frans Saliba kkontribwixxa l-akbar u l-aqwa xoghol tieghu biex is-serqa tista' ssir u tkun success kif fil-fatt kienet: dana in limine fil-preparazzjoni, u sine qua non, b'mod l-aktar makakk, mohbi u silenti, b'agir ta' wiehed, kif nghidu bil-Malti, li tefa' l-gebla u heba idu. Dan l-agir in limine, f'ghajnejja jekwivali ghal li hu ta lill-hallelin ic-cavetta tal-bieb tal-bejt u tal-entratura b'mod li saret, safe and sound: ix-xoghol tieghu bhala electrician li hadem fid-dar tieghi l-ahhar darba li deher, u sar f'jumejn f'Dicembru 1991 mal-bieb tal-bejt tad-dar tieghi.*

*Il-pjan ma kellux bzonnu izjed u ghalhekk sparixxa, mhux biss sas-serqa, tliet snin u nofs wara, u cioe' minn Dicembru 1991 sa Mejju 1995, izda anke sal-lum, kollox iddikjarat minni fil-kawza l-ohra fil-process ta' Charles Saliba, hawn konfermat u xejn kontradett bil-herqa – minn Dicembru 1992 sal-lum 23 sena. Dan jien ghextu snin, deher biss hafna drabi fit-triq (ghax il-hanut fl-istess triq taghna), bla qatt ma sellem, u spicca deher il-Qroti bhala xhud ta' huh biex jahlef il-falz u l-inveritier bil-provi. Hekk biss, kif anke jirrizulta fil-kawza l-ohra, hawn konfermat.*

*Din hi r-raguni ghala l-konvenut odjern ma giex imharrek ma' huh il-kbir, pero ' anke ghax jiena kelli provi giganteski kontra huh Charles li sabu success quddiem 8 Imhallfin u 4 Awli, u f'dak l-istadju ma hassejt ebda bzonn li nharrek lill-konvenut odjern, protett mil-ligi kontra l-preskrizzjoni, u liberu nharrek lill-kon-debituri l-ohra a tenutr tal-Artiklu 1140 (bil-pinna ndikati l-artikoli 1096 u 1097)*

*tal-Kodici Civili skont ic-cirkostanzi (1942 ed), dana sabiex nithallas a tenur tas-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell. Huh il-kbir kellu l-parsleonina tal-istorja, bil-konvenut id-dell tieghu f'kollox: principali biss meta hadem fid-dar tieghi f'Dicembru 1991, xoghol tal-elettriku li kif kienet dejjem id-drawwa tieghu, okkazjoni providenzjali ghalih meta ghamel survey tal-bieb tal-bejt tad-dar; u b'hekk halla l-istadju tal-fare dei ladri u tal-via dei ladri mill-bieb tal-bejt sal bieb ta' barra lil huh il-kbir.*

*Ghalhekk ma kinitx haga kbira ghalija li jien iffokajt fuq l-agir ta' huh il-kbir; ghax filwaqt li s-sehem ta' dan kienet tikkomprendi tliet snin u nofs mill-istorja (Dicembru 1991 – Mejju 1995) is-sehem tal-konvenut odjern, kienet tikkomprendi l-jumejn xoghol fl-elettriku fid-dar tieghi l-ahhar darba b'li hadimli u, illum asodata ghalija bhala causa casusans, arrekkita fl-isfumatura taghha. Dan jien narah car. Ix-xoghol fid-dar tieghi tal-konvenut qatt ma kien jeccedi vista ta' ftit hin u jien kont inkun dejjem mieghu. Pero' din l-okkazzjoni ta' jumejn xoghol f'Dicembru 1991, kienet ghalih okkazjoni splendida ghax assolutament liberu, fuq il-bejt wahdu u ghal zmien twil, qatt remotalment kellu bhalha.*

*Hekk kif fl-ewwel kawza l-accent kien fuq is-safe, issa l-accent hu fuq il-bieb tal-bejt fid-dar tieghi, ossija fuq l-entratur bi prova assodata fil-mori. Dana sostnut mhux biss bil-protesjoni tal-ligi kontra l-preskrizzjoni, imma wkoll ghax il-prova tar-responsabilita' tal-konvenut odjern saret qawwija u determinanti ghax tinkorpora punti li jemergu mix-xhieda tal-konvenut odjern, ossija fil-mori tal-kawza l-ohra, u cioe' wara l-prezentat tal-kawza l-ohra, fejn il-konvenut odjern kien merament ix-xhud ta' huh il-kbir.*

*Di piu, issa gara illi l-kapital dovut lili a tenur tas-sentenza ta' l-Onor. Qorti tal-Appell issa qed jiddekorri minghajr imghax per mancanza di findi tad-debitur Charles Saliba, issa gia 5 snin mid-decizjoni tal-Onor. Qorti tal-Appell, u dana qed jipprova jiprofitta ruhu minn dan il-fatt xejn mistenni u jtawwal kemm jista' jkun b'dispett ghall-Gustizzja, b'telf mhux mistenni jizdied kuljum biss ta' 20 sena mill-incident. Ghalhekk issa nibtet il-htiega li jitkabbar il-valur tal-assi tal-kondebituri solidali soggett ghad-debitu dovut lili, a tenur tas-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell fuq imsemmija, dan biex jitnaqqas it-telf korrenti tieghi, cirka €20,000 fis-sena. F'dawn ic-cirkostanzi hassejt li ma ghandi l-ebda alternattiva hlief niffruwixxi d-drittijiet tieghi u nfittex lill-konvenut Frans Saliba ghal li ghandi niehu minn ghandu, stante l-mora naspettata u l-provi godda tal-kawza l-ohra. Dana bit-tama li dan it-telf jiccekken gia s-somma konferita mill-Onor. Qorti ferm ferm anqas mit-telfa reali. Kollox skont l-Artikolu 1139 u Artikolu 1140 (1942 ed) (bil-pinna Art 1096 u 1097) li jipprotegu lili bhala kreditur. Jiena kont nahseb li l-konvenut fil-kawza l-ohra kien se jonora s-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell, issa rizultanti far from it.' (fol. 28 sa 30 process 51/2015)*

Illi filwaqt li l-Qorti rat li l-artikoli 1139 u 1140 tal-Kodici Civili kif inhu llum ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li qed jixhed l-attur l-artikoli 1096 u 1097 tal-Kap. 16 jaqraw kif isegwi:

'1096: Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri in solidum, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni.

1097: It-talba gudizzjarja maghmula kontra wiehed mid-debituri in solidum ma tnehhix lill-kreditur il-jedd li jagixxi b'talba bhal dik kontra

kull wiehed iehor mid-debituri l-ohra, lanqas jekk fl-ewwel talba, il-kreditur ma jkunx zamm espressament dak il-jedd.

Illi jidher allura li l-argument imqajjem mill-attur sabiex jirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif mqajjma mill-konvenut hija li l-kawza precedenti kontra hu l-intimat odjern ma zzommux milli jintavola kawza ohra kontra l-konvenut odjern stante li l-attur qed iqisu bhala ko-debitur solidali ma' l-istess huh ghaliex jallega li kien involut fis-serqa. Il-Qorti izda rat l-artikolu 1089 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'Ma jitqiesx li hemm solidarjetà. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament.'

Illi fil-kaz odjern l-atturi qed ifittxu ghal danni sofferti konsegwenza ta' serqa fejn jallegaw li l-intimat kien b'xi mod involut. Certament allura l-kaz odjern ma jaqax fil-paramenti ta' solidarjeta espressament miftehma. Il-Qorti lanqas tqis li b'xi mod il-kaz odjern jista' jitqies bhala kaz fejn is-solidarjeta' hija ddikjarata mil-ligi u mhux bizzejjed li l-atturi jinkludu l-kelma in solidum fit-talbiet taghhom biex jitrasformaw lill-intimat f'ko-debitur tal-pretensjonijiet taghhom! Tant hu hekk li jirrizulta mill-atti li lanqas l-attur stess ma kien qed iqis lill-konvenut bhala 'ko-debitur' (*biex il-Qorti tuza l-kelma uzata mill-attur*) qabel ma nduna li minn Charles Saliba ma kienx ser jirnexxielu jigbor xejn w'ghalhekk ghamel it-tentattiv estrem odjern li jipprova jimplika lill-intimat fis-serqa. Il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-kontro-ezami tal-Avukat Zammit Tabone a fol. 166 tal-process kif isegwi:

*'Avukat Dottor Carmelo Galea:*

*Issa, inti fl-ewwel affidavit imkien ma ghidt illi Frans Saliba kien jaf id-dettalji intimi.*

*Xhud:*

*Le, le, le, dazgur li le.*

*Avukat Dottor Carmelo Galea:*

*Imbaghad, ippermttili, imbaghad biddilt id-diska, biddilt id-diskors fit-tielet affidavit li pprezentajt f'din il-kawza.*

*Xhud:*

*Iva*

*Avukat Dottor Carmelo Galea:*

*Fejn issa qed tghid li barra li kien hemm Charles Saliba li kien jaf dawn id-dettalji anke Frans Saliba kien jaf b'dawk id-dettalji.*

*Xhud:*

*Ezatt. Ezatt.*

*Avukat Dottor Carmelo Galea:*

*Issa?*

*Xhud:*

*Ghax issa l-kawza kontrih.*

*Avukat Dottor Carmelo Galea:*

*Ehh, ghax issa l-kawza kontrih. Hekk, tajjeb, tajjeb. Jigifieri inti*

*Xhud:*

*Ghax issa l-kawza kontrih haga naturali.*

*Avukat Dottor Carmelo Galea:*

*Ezatt, haga naturali!*

*Xhud:*

***Ghax qatt man kont naf, sinjura, qatt ma kont naf illi se naghmel kawza lilu jiena.*** *(emfasi tal-Qorti)*

Huwa l-istess attur Dottor Joseph Zammit Tabona li kif ikkwotat aktar 'il fuq jghid ghal aktar minn darba li fil-kawza l-ohra kontra Charles Saliba huwa qatt ma qies lil Frans Saliba bhala ko-debitur (kif qed isejjahlu issa) izda biss bhala **semplici xhud**.

Illi in oltre l-kaz odjern lanqas jaqa' taht il-kazijiet espressi fil-ligi ai termini tal-Kap. 16 artikolu 2122 et seq fejn jigu ndikati specifikatament il-kawzi li jissospendu l-preskrizzjoni. Fil-kaz odjern l-atturi qed ifittxu ghal danni rizultanti minn allegat att kriminali w'ghalhekk japplikaw it-termini ta' preskrizzjoni kif indikati appuntu u specifikati fl-artikolu 2154 tal-Kodici Civili u fil-Kodici Kriminali kif korrettement jindika l-intimat fl-eccezzjoni tieghu u mhux l-artikolu fil-kamp civili applikabbli ghal dejn civili bejn kredituri u ko-debituri kif jindika l-attur. Fil-fatt l-artikolu 2154 jipprovdi b'mod car preskrizzjoni ghal talbiet ghall-hlas ta' hsarat ikkagunati minn reat kif appuntu huma t-talbiet tal-atturi odjerni ghalkemm l-atturi pruvaw jaghtuhom xehta mod iehor probabbilment konxji mill-fatt li t-talba taghhom setghet tqajjem argumenti dwar preskrizzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-atturi, ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-attur fl-affidavit tieghu, kellhom l-obbligu li jassiguraw li l-pretensonijiet taghhom kontra l-konvenut ma jaqghux preskritti u dan billi jiehdu l-proceduri skonr il-ligi! Illi ghalhekk l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti odjerna huwa li tara mill-atti u provi prezentati lilha jekk hux minnu li l-

perjodu preskrittiv indikat mill-intimat bhala eccezzjoni fil-fatt iddekorrix favur tieghu minghajr ma gie nterrott skont il-ligi da parti tal-atturi.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tqis li fil-kaz odjern is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 2154 tal-Kap 16 tal-Kodici Civili ma jsibx applikazzjoni fil-kaz odjern stante li mit-talbiet huwa evidenti li l-atturi mhux qed ifittex li jirkupra xi oggett misruq lilu u li jinsab fil-pussess tal-konvenut izda qed ifittex li jigi rizarcit danni sofferti konsegwenza tas-serqa.

Illi jibqa′ ghalhekk sabiex jigi applikat is-sub-artikolu 2154 (1) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili li meta moqri flimkien mal-artikolu 688 tal-Kap. 9 (Kodici Kriminali) igib mieghu perjodu massimu ta′ preskrizzjoni ta′ ghoxrin sena. L-argument tal-konvenut huwa li sahansitra anki l-perjodu massimu ta′ ghoxrin sena ghadda mis-serqa in kwistjoni w′ghalhekk zgur li l-pretensjoni tal-atturi hija preskritta fil-konfront tieghu. L-uniku mod kif dan jista′ ma japplikax huwa jekk l-atturi ressqux xi prova fl-atti li tevidenzja li l-preskrizzjoni giet interrota favur taghhom.

Illi l-artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta′ Malta jipprovdi kif isegwi:

‘2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b′kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.′

Illi l-Qorti daret l-atti kollha tal-kawza odjerna 51/2015 kif ukoll tal-kawza annessa 1196/00 u ma sabet l-ebda att li b′xi mod jista′ jitqies li giet

interrotta l-preskrizzjoni li kienet qed tiddekorri a favur l-intimat Frans Saliba ghajr ovvjament ghall-kawza odjerna li giet intavolata nhar il-5 ta' Awissu, 2015.

Illi jirrizulta mhux kontestat li s-serqa in kwistjoni sehhet nhar it-12 ta' Mejju, 1995 w'ghalhekk il-perjodu ta' ghoxrin sena ddekorra nhar it-12 ta' Mejju, 2015. Il-kawza odjerna giet intavolata fil-5 ta' Awissu, 2015 w'ghalhekk madwar xahrejn u nofs oltre t-terminu masssimu ta' ghoxrin sena preskrizzjoni mpost fil-ligi.

Illi ghalkemm il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-intimat kif anki emfasizzata fis-sottomissjonijiet tieghu li jekk tigi dikjarata l-preskrizzjoni allura mhux ser ikun hemm decizjoni dwar l-innocenza tieghu, innocenza tant emfasizzata minnu fil-kaz odjern fejn qed jigi mplikat f'serqa li saret f'post fejn huwa kien ilu ma jersaq fih sa minn tliet snin u nofs qabel ma sehhet is-serqa u gie biss implikat ghoxrin sena wara ghaliex l-atturi ma thallsux minn min xlew qabel u ftakru fih, stante li jirrizulta lil din il-Qorti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqajjma mill-intimat giet pruvata w'ghalhekk jisthoqq li tigi milqugha, il-Qorti hija prekluza bil-ligi milli tinoltra ruhha oltre fil-mertu tal-kaz odjern.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

Tilqa' l-hames eccezzjoni  tal-intimat u tiddikjara l-azzjoni attrici bhala preskritta fil-konfront tal-intimat u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur